DAR
L-ISTORJA EWROPEA

# Tema: Ittrattati ndaqs? — Id-drittijiet tal-bniedem

## Taqsima 1: Id-drittijiet tiegħi

X’inhuma d-drittijiet? Mnejn ġejjin? Kif jolqtu lil kull wieħed u waħda minna? U x'inhi r-relazzjoni bejn id-drittijiet, ix-xewqat u l-ħtiġijiet? Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn x'inhuma d-drittijiet tal-bniedem, kif ġew iffurmati u kif jinfluwenzaw il-ħajja tagħna ta' kuljum.

*Attenzjoni: Din l-unità fiha links għal siti tal-internet bħal YouTube. Il-kontenut ta' siti esterni hu suġġett għal tibdil u għandu jkun sorveljat biex jiġi żgurat li jkun adatt għall-istudenti.*

**Riżultati tat-tagħlim f'din it-taqsima**

L-istudenti tiegħek se jkunu jistgħu:
- Jifhmu x'inhuma d-drittijiet
- Jitgħallmu l-oriġini tad-drittijiet moderni
- Isiru jifhmu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom stess

**Riżorsi pprovduti**

Riżorsa 1 Lista tad-drittijiet
Riżorsa 2 L-oriġini tad-drittijiet tal-bniedem
Riżorsa 3 U min jaf kieku...?

**Attività għall-klassi nru 1: Nifhmu d-drittijiet**

Dejjem issir ħafna diskussjoni madwarna dwar id-drittijiet. Iżda x'inhuma tassew id-drittijiet? U x'jirrappreżentaw għalina? Bi tħejjija għal dan l-eżerċizzju, uri lill-istudenti tiegħek dan il-filmat qasir tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem. Imbagħad, żbarazza ħajt wieħed fil-klassi tagħkom. Itlob lill-istudenti tiegħek jaħdmu individwalment biex jagħżlu minn wieħed sa tliet drittijiet li jqisu importanti ħafna għal raġunijiet personali. Itlobhom jiktbu kull wieħed minn dawn id-drittijiet fuq nota li teħel mal-ħajt. Imbagħad itlobhom jaqsmu dawn in-noti ma' sħabhom u jwaħħluhom mal-ħajt, filwaqt li, jekk iridu, jispjegaw kif kull dritt jolqot il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jekk ma jkunux ċerti minn fejn jibdew, qassmilhom ir-Riżorsa 1 bil-lista tad-drittijiet.




https://www.youtube.com/watch?v=JpY9s1Agbsw

**Attività għall-klassi nru 2: Il-kategoriji tad-drittijiet**

X'inhuma t-tipi differenti ta' drittijiet? Nistgħu naraw tendenza ta' drittijiet speċifiċi – jew kategorizzazzjoni ta' xi tip? Itlob lill-istudenti tiegħek jiġbru flimkien in-noti mal-ħajt sabiex joħolqu gruppi tematiċi. Jistgħu jipproċedu billi jagħżlu l-kategoriji proprji tagħhom. Ladarba jkunu lestew dan il-kompitu, itlobhom isemmu l-gruppi differenti. Ifirħilhom talli ħolqu "Ħajt tad-Drittijiet" personali tagħhom! Iddiskuti magħhom jekk sabux dan l-eżerċizzju faċli jew diffiċli. Qis li jispjegaw it-tweġibiet tagħhom.

**Attività fi gruppi nru 1: Id-drittijiet huma esklużivi f'ċerti każijiet?**

Issa se tiddiskuti mal-istudenti tiegħek id-differenzi bejn id-drittijiet tal-minoranzi u d-drittijiet tal-bniedem. Għal din l-attività, aqsam il-klassi tiegħek f'erba' gruppi bejn wieħed u ieħor tal-istess daqs. Ibda billi tikteb is-sentenza li ġejja fuq il-blackboard/whiteboard: "Id-drittijiet qegħdin hemm biex jipproteġu lil kulħadd u mhux biss lil gruppi speċifiċi" u itlobhom jiddiskutu din is-sentenza fil-grupp tagħhom. Kull grupp irid jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar jekk jaqbilx ma' din id-dikjarazzjoni jew le, u għaliex. Imbagħad tista' tinkoraġġihom ikomplu jsaħħu l-ħajt tad-drittijiet tal-klassi billi jżidu dawk id-drittijiet li ma ssemmewx qabel. Biex jakkwistaw aktar informazzjoni li tkun tista' tgħinhom isostnu l-ideat tagħhom, il-gruppi għandhom jikkonsultaw id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (disponibbli b'lingwi differenti) u l-ġabriet ta' riżorsi li ġejjin:




http://www.ohchr.org/EN/UDHR/Pages/SearchByLang.aspx




http://www.eidhr.eu/side-panels/highlights/lgbti-women-children-minorities/minorities-rights

Children



http://www.eidhr.eu/side-panels/highlights/lgbti-women-children-minorities/children

Indigenous peoples




http://www.eidhr.eu/side-panels/highlights/lgbti-women-children-minorities/indigenous-peoples

Women's rights




http://www.eidhr.eu/side-panels/highlights/lgbti-women-children-minorities/women-s-rights

LGBTI




http://www.eidhr.eu/side-panels/highlights/lgbti-women-children-minorities/lgbti

**Attività għall-klassi nru 3: Ħarsa kronoloġika lejn id-drittijiet**

Huwa importanti li l-istudenti tiegħek jindunaw li d-drittijiet mhux minn dejjem kienu preżenti. Dawn ġew stabbiliti minħabba ġrajjiet jew sitwazzjonijiet speċifiċi, jew ġew adattati matul iż-żminijiet b'mod li evolvew. Itlob lil kull student jagħżel dritt wieħed mill-"Ħajt tad-Drittijiet" tal-klassi u jirrifletti dwar l-inċidenti li setgħu wasslu biex ġie stabbilit dan id-dritt. Kienet rivoluzzjoni? Forsi xi ħaġa marbuta man-Nazzjonijiet Uniti jew mal-abolizzjoni tal-jasar, jew xi episodju ieħor mill-istorja. Għal xi drittijiet l-oriġini hija sempliċi, iżda għal oħrajn jista' jkun li ma tkunx daqstant faċli. Biex

tgħinhom f'dan il-proċess, qassmilhom ir-Riżorsa 2 dwar l-oriġini tad-drittijiet tal-bniedem.

**Attività għall-klassi nru 4: Nosservaw dritt jinħoloq**

Id-drittijiet tal-lum għandhom aspett legali. Iżda x'ġara fil-passat, qabel ma drittijiet speċifiċi kienu ċċertifikati legalment? Itlob lill-istudenti tiegħek jaħsbu f'individwi jew gruppi ta' minoranza li għandhom jew għadhom qed jiffaċċjaw kwistjonijiet legali u/jew soċjali qabel l-istabbiliment tad-drittijiet rispettivi. Tista' tagħtihom suġġerimenti bħal dawn: id-drittijiet tal-vot tan-nisa, l-abbuż mit-tfal u min-nisa, jew id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBT (leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru). Tista' tidderiġihom ukoll lejn Amnesty International, ***Violence Against Women*** (Il-vjolenza kontra n-nisa), billi tikklikkja fuq il-link li ġej:




**http://www.amnestyusa.org/our-work/issues/women-s-rights/violence-against-women/violence-against-women-information**

Tista' turihom ukoll dan il-filmat li ġej tan-Nazzjonijiet Uniti:



**https://www.youtube.com/watch?v=XvpHn_zdkTY**

**Attività għall-klassi nru 5: Ħtiġijiet jew drittijiet jew ħtiġijiet**

Nistgħu nqisu lilna nfusna xxurtjati li ngħixu f'soċjetajiet fejn id-drittijiet huma rispettati. Iżda dan ir-rispett huwa dejjem garantit? Agħti lill-istudenti tiegħek dilemma morali: Immaġinaw li l-belt jew il-post fejn tgħixu qed jiffaċċja theddida. Liema drittijiet tkunu lesti ċċedu biex tiżguraw is-sigurtà pubblika? Qassam ir-Riżorsa 3 biex tibda din l-attività. Spjega lill-istudenti li jridu jerġgħu lura lejn il-"Ħajt tad-Drittijiet" tagħhom u jorganizzaw mill-ġdid in-noti li waħħlu fuqu f'żewġ kategoriji ewlenin ta' drittijiet – dawk li assolutament jirrifjutaw li jċedu u dawk li jkunu lesti jissagrifikaw. Infurmahom li kollha għandhom jaħdmu flimkien biex jiddeċiedu dwar ir-riżultat finali. Ir-riżultat huwa bażikament kontroproposta tagħhom għall-gvern jew l-awtoritajiet governattivi dwar liema drittijiet huma jkunu jew ma jkunux lesti jitilfu. Ladarba jkunu lestew, itlobhom jiġġustifikaw l-għażla tagħhom quddiemek; imbagħad, spjegalhom li l-gvern ma jaqbilx mal-klassifikazzjoni tagħhom tad-drittijiet u jixtieq jimponi miżuri aktar stretti. Issa jridu jmorru lura għall-kategorija ta' drittijiet li assolutament

jirrifjutaw li jċedu, iħallu biss 50% tad-drittijiet f'posthom u jċaqalqu l-bqija lejn il-kategorija l-oħra. Irrepeti l-attività sakemm l-istudenti kollha jħossu li ma jistgħux iċaqalqu iżjed drittijiet. Staqsihom jekk din l-attività kenitx waħda diffiċli għalihom u għaliex.

Issa jista' jkollok diskussjoni tal-għeluq mal-istudenti tiegħek. Staqsihom: Kemm aħna lesti niġġieldu biex niggarantixxu li jkollna dak kollu li għandna bżonn? L-istudenti jistgħu wkoll jivvotaw b'mod sigriet fuq jekk jippreferux ikollhom aċċess għad-drittijiet bażiċi għall-ikel, il-kenn, l-impjieg, eċċ., filwaqt li jċedu drittijiet oħra tas-soċjetà, bħal-libertà tal-espressjoni u tal-kelma, il-libertà tat-twemmin reliġjuż, eċċ. Din id-dilemma taf tkun ta' sfida għall-istudenti tiegħek, iżda jeħtieġ li jikkunsidrawha bir-reqqa!